DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/701

tal-21 ta' Marzu 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, skont l-Artikolu 182 tiegħu.

(2) Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt ("il-grupp ta' ħidma") ġie stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll biex iservi bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll.

(3) Skont l-Artikolu 15(2) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-superviżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit permezz tal-Artikolu 165(1), il-punt (c), tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u lilu jirrapporta.

(4) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess b'kunsens reċiproku. Il-grupp ta' ħidma adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess fl-ewwel laqgħa tiegħu fid-29 ta' Jannar 2021 ("ir-Regoli ta' Proċedura").

(5) Huwa meħtieġ li jiġu emendati r-Regoli ta' Proċedura biex il-grupp ta' ħidma jkun jista' jiġi appoġġat minn sottogruppi strutturati sabiex jittejjeb il-mod li bih il-grupp ta' ħidma jwettaq il-kompiti tiegħu kif definit fl-Artikolu 15 tal-Protokoll.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-grupp ta' ħidma fir-rigward tal-emendar tar-Regoli ta' Proċedura.

(7) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll ("il-grupp ta' ħidma") dwar deċiżjoni li temenda r-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma, hija stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL